# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Gimgha 22 ta' April 2022**

**Rikors Nru. 1201/2021 ISB**

**Fl-atti tar-Rikors Nru 1152/2021ISB fl- ismijiet:**

**PLAY'N GO MARKS LIMITED**, C83955

vs

**PRAGMATICPLAY LTD**, C68028

**Il-Qorti,**

Rat **ir-Rikors** ta' **PRAGMATICPLAY LTD**, pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2021;

Rat id-Digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 2021;

Rat **ir-Risposta** tas-socjeta' **PLAY'N GO MARKS LIMITED** tas-16 ta' Dicembru 2021;

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors u r-riposta;

Rat il-provi prodotti u semghet ix-xhiedha;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma;

Semghet dak li kellhom x'jittrattaw id-difensuri tal-partijet fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2022;

Ikkunsidrat:

Illi bid-digriet tad-29 ta' Novembru 2021, din il-Qorti kienet iddecidiet hekk:

*Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:*

1. ***Tipprojbixxi** lis-socjeta' intimata milli tissokta u tippersisti b'kwalunkwe att ta' ksur tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-EU trade mark taghha, u cioe ta' (numru 018222306), konsistenti fi kwalunkwe uzu korrenti fil-kors tal-kummerc tas-socjeta' ntimata tal-marka BOOK OF FALLEN u, jew kull forma ta' rapprezentazzjoni tal-kliem BOOK OF FALLEN dwar online slot games, u,*

2. ***Tordna** fil-konfront tas-socjeta' intimata, prevenzjoni ta' kwalunkwe ksur imminenti ta' l-istess drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta' rikorrenti konsistenti fi kwalunkwe uzu imminenti fil-kors tal-kummerc min-naha tas-socjeta' ntimata ta' BOOK OF FALLEN u, jew kull forma ta' rapprezentazzjoni tal-kliem BOOK OF FALLEN dwar online slot games.*

3. ***Tordna** n-notifika tal-atti, allura ir-rikors promotur bid-dokumenti annessi u l-provvediment odjern lis-socjeta` intimata "minghajr ebda dewmien", u dan ai termini tal-Artiklu 8(4) tal-KAP 488.*

   *Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta` intimata.*

Illi in segwitu ghal dan id-digriet tad-29 ta' Novembru 2021, is-socjeta' PLAY'N GO MARKS LIMITED intavolat rikors guramentat bin-numru 1265/2021ISB, liema proceduri ghandhom pendenti.

Ukoll, in segwitu ghal dan id-digriet tad-29 ta' Novembru 2021, is-socjeta' PRAGMATICPLAY LTD intavolat dan l-odjern rikors hawnekk trattat u deciz.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi b'dan ir-rikors, is-socjeta` **PRAGMATICPLAY LTD,** qed titlob, ghar-ragunijiet minnha elenkati fir-rikors, ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2021 fl-atti tar-rikors 1152/2021ISB.

Din it-talba qed issir peress illi s-socjeta` **PRAGMATICPLAY LTD** tinsisti, in succint, illi:

- Hemm insufficjenza ta' provi prodotti da parti tas-socjeta' hemmek rikorrenti;
- Hemm nuqqas ta' svelar ta' fatti materjali u di piu` dikjarazzjonijiet foloz u qarrieqa maghmula mis-socjeta` PLAY'N GO MARKS LIMITED.
- Hemm ilmenti fuq il-mizuri provvizorji mehuda
- Hemm dannu illi s-socjeta' **PRAGMATICPLAY LTD** qeghda ssofri konsegwenza tal-mizuri provvizorji.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi ai termini tal-proviso ghas-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 8 tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti dejjem ghandha l-poter illi timmodifika, tirrevoka jew anke tikkonferma il-mizuri provvizorji illi l-Qorti tkun tat.

Illi b'dana kollu jibda' biex jinghad illi meta din il-Qorti wasslet ghad-digriet hawnekk impugnat (1152/2021ISB), il-Qorti qieset il-provi li kellha quddiemha u ai termini tal-ligi, wasslet ghad-digriet taghha.

Illi l-Qorti ma tridx u mhux ser tippermetti illi tali digrieti moghtija ai termini ta' l-Artiklu 8(1)(a) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu soggetti ghal xi forma ta' appell bhal per ezempju, b'rikorsi bhal dan odjern, partikolarment meta il-materja tkun soggetta mbaghad ghal trattazzjoni aktar profonda fl-atti ta' kawza li ssir wara l-ghoti tad-digriet, bhal ma gara fil-kaz in ezami.

Illi l-Qorti gja ghamlet referenza aktar il-fuq ghall-proceduri 1265/2021ISB, liema proceduri huma dawk li fihom il-Qorti sejra, jew almenu mistennija illi tisma' f'aktar dettall u b'mod aktar profond, il-mertu tal-vertenza sabiex tasal biex tiddeciedi dik il-vertenza, ukoll billi taghmel id-dikjarazzjonijiet hemmek mitluba jekk ikun il-kaz u tikkonferma o meno, il-projbizzjonijiet maghmula bid-digriet

tad-29 ta' Novembru 2021 li tieghu qed tintalab ir-revoka *contrario imperio* hawnekk.

Il-Qorti tqis ukoll illi wasslet ghal dak id-digriet ghaliex dehrilha, fic-cirkostanzi u sal-grad tal-prova li trid il-ligi f'dak l-istadju, illi kien hemm provi bizzejjed biex taghmel hekk. Ghal din il-Qorti ma ghandux ikun illi jsir approfondiment tal-provi fi stadju ta' rikors bhal dan odjern, meta tali approfondiment issa mistenni illi jsir fil-kors tal-kawza bejn il-partijiet li trid twassal ghal sentenza definittiva fuq il-vertenza bejn il-partijiet.

Illi jidher fil-fatt illi l-ilmenti hawnekk mressqa mis-socjeta' PRAGMATICPLAY LTD huma riprodotti fir-risposta guramentata ghall-kawza li qed taffaccja u kwindi certament illi l-Qorti ser ikollha l-opportunita' ferm ahjar illi tittratthom u tiddecidihom meta tisma' l-provi kollha tal-partijiet fil-mertu, fuq livell ghola minn dak prima facie, kif inoltre` jkun mistenni illi jitressqu fil-mori ta' dik il-kawza.

Illi la r-rikors promotur u lanqas din il-procedura ma ghandhom jintuzaw sabiex il-vertenza principali tigi trattata u deciza fil-mertu taghha u huwa ghalhekk illi dak li nghad fid-digriet tad-29 ta' Novembru 2021 huwa ugwalment applikabbli hawnekk – fis-sens illi b'din id-decizjoni lanqas ma hi, il-Qorti, qed tesprimi ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet tal-partijiet, liema pretensjonijiet jigu trattati u decizi fil-mertu fil-proceduri appoziti.

Illi certament din il-Qorti mhix ser tippermetti illi jkun hemm process doppju dwar il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Il-ligi dan ma tridux u mhux ser tkun il-Qorti illi tippermettih.

Illi fuq kollox u maghduda dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti ma tqisx illi hemm xi ragunijiet specjali u gravi ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha meta tat id-digriet tad-29 ta' Novembru 2021, li dehrilha li kienu bizzejjed f'dawk ic-cirkostanzi, biex iwassluha takkolja ir-rimedju provvizorju. U fid-dawl ta' dan, filwaqt illi l-Qorti hija moghtijia s-setgha bil-ligi kif hawn fuq msemmi illi anke timmodifika u/jew tirrevoka l-mizuri mposta, b'dana kollu il-Qorti mhux ser tistultifika l-apprezzament li tkun ghamlet b'mod legger u sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u specjali biex taghmel dan, li ma thossx illi ghandha s-socjeta' rikorrenti f'dan il-kaz, allura ma tasalx biex timmodifika jew tirrevoka.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-Qorti dejjem ser tkun tista' taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni skond ir-rizultanzi fil-vertenza 1265/2021 fuq msemmija, u jekk dak

allegat u pretiz mis-socjeta` hawnekk rikorrenti PRAGMATICPLAY Limited ghandu mis-sewwa, allura fid-determinazzjoni ta' dik il-kawza, hija tinghata r-ragun u jittiehdu r-rimedji u l-mizuri kollha opportuni skond il-ligi. U tghid dan b'konfort f'dak illi l-ligi tghid fis-sub-artiklu 7 tal-Artiklu 8 tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaghti d-dritt lil din il-Qorti illi anke takkorda, fuq talba tal-istess socjeta' intimata fil-kawza, kumpens addatt ghal hsara illi jkun garrab minhabba mizuri provvizorji bhal dawn.

Illi meta jinghata provvidiment provvizorju bhal ma nghata bid-digriet 1152/2021 tad-29 ta' Novembru 2021, kull dritt ta' kull parti jkun salvagwardjat skond il-ligi u l-Qorti thoss illi jkun aktar opportun illi minflok proceduri inutili bhal ma hi din, jkun vantaggjuz aktar jekk il-partijiet jidhlu fi djalogu konstruttiv minghajr pregudizzju sabiex jirrizolvu l-pendenzi taghhom.

Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, ikun hemm dejjem imbaghad il-kawza li ssegwi illi fiha l-partijiet jittrattaw f'aktar dettal u jressqu provi ulterjuri jekk ihossu l-htiega, bil-ghan illi l-Qorti jkollha mhux biss il-prova *prima facie*, izda il-prova rikjesta mill-ligi li tkun tista' twassalha ghall-ahjar determinazzjoni tal-vertenza b'gustizzja mal-partijiet quddiemha. Imbaghad, skond dawk ir-rizultanzi, kull parti tassumi r-responsabbilitajiet taghha skond il-kaz.

**GHALDAQTSANT**, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qed tghaddi sabiex **TICHAD** it-talbiet tas-socjeta` PRAGMATICPLAY Limited kif kontenuti fir-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru 2021 u tikkonferma id-digriet taghha tad-29 ta' Novembru 2021, bir-rizerva, jekk ikun il-kaz, ghal kull dritt spettanti lis-socjeta' rikorrenti PRAGMATICPLAY Limited wara l-ezitu tal-proceduri 1265/21ISB.

**Bl-ispejjes** tal-procedura odjerna kontra s-socjeta' rikorrenti.

**DIGRIET KAMERALI** moghti llum il-Gimgha 22 ta' April 2022.

**Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja**

**Imhallef** **Deputat Registratur**